

Brussell, 5 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16493/25

ENER 658
ENV 1343
CONSOM 284
DELECT 188

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 8303 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'5.12.2025 li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1669 li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-smartphones u tal-islate tablets

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 8303 final.

Mehmuż: C(2025) 8303 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2025
C(2025) 8303 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'5.12.2025

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1669 li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-ismartphones u tal-islate tablets

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-verżjonijiet lingwistiċi bid-Daniż, bl-Estonjan, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk u bir-Rumen tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1669 fihom l-iżbalji. Sabiex daww il-verżjonijiet lingwistiċi jiġu allinjati mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, jeħtieġ li jiġi adottat Regolament Delegat li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2023/1669.

2. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jikkoreġi żbalji tat-traduzzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi tat-test bid-Daniż, bl-Estonjan, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk u bir-Rumen.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'5.12.2025

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1669 li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-ismartphones u tal-islata tablets

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jstabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bid-Daniż, bl-Estonjan, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk u bir-Rumen tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1669² fihom żball fl-Anness III, il-punt 2.2(a), it-tielet sentenza, fir-rigward tal-inserzjoni tat-tikketta. L-iżball ibiddel it-tifsira tad-dispożizzjoni u jaffettwa s-sustanza tagħha. Il-verżjoni bil-lingwa Daniża fiha żball supplimentari. Tħalla barra sinjal ta' punteġġjatura li jifred iż-żewġ sentenzi, u li jista' jwassal għal inċertezza lingwistika.
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet lingwistiċi bid-Daniż, bl-Estonjan, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk u bir-Rumen tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1669 jiġu kkoreġuti kif xieraq. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness III, fil-punt 2.2.(a), it-tielet sentenza tar-Regolament Delegat (UE) 2023/1669 hija sostitwita b'li ġej,

“Jekk ikun meħtieġ li t-tikketta titwaħħal fl-imballaġġ tal-prodott, it-tikketta tista' tiġi stampata bi tnaqqis fid-daqs, iżda mhux inqas minn 70 % tal-wisa' u l-għoli speċifikati hawn fuq; il-kontenut tagħha xorta għandu jkun proporzjonat għall-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq u l-kodiċi QR jibqa' leġibbli minn qarrej QR disponibbli b'mod komuni, bħal dawk integrati fi smartphone;”.

¹ ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1369/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1669 tas-16 ta' Ġunju 2023 li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-ismartphones u tal-islata tablets (ĠU L 214, 31.8.2023, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1669/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.12.2025

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*